**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 16 ta' Dicembru 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Alfred Tonna u**
**Khalid Tonna**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Alfred Tonna** ta' 50 sena', iben Alfred u Carmen nee' Cachia, mwieled Siggiewi nhar it-2 ta' Dicembru 1968, u joqghod fil-Facilita Korretiva ta' Kordin detentur tal-karta tal-identita bin-numru 2369M u

**Khalid Tonna** ta' 17 il-sena, iben Alfred u Mina nee' Bel Ghol, mwieled Pieta' nhar it-12 ta' Gunju 2001, u joqghod 34 Triq l-Isqof Mauro Caruana, Floriana detentur tal-karta tal-identita bin-numru 230301L

Akkuzati talli:

1. fil- 5 ta' Jannar 2018, ghall-habta tad-9pm u hinijiet wara, gewwa l-Qasam Industrijali Hal-Luqa u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Toyota Corsa bin-numru tar-registrazzjoni GBC529 liema serq huwa aggravat bil-mezz, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' John Debattista u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

2. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi u zminijiet wara volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamlu hsara fuq vettura (ghamla Toyota Corsa bin-numru tar-registrazzjoni GBC529) ghad-dannu ta'John Debattista minn Santa Lucija u/jew persuni ohra liema hsara ma tiskorrix elfejn u hames mitt ewro izda izjed minn mitejn u hamsin ewro.

3. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi u zminijiet wara f'Hal-Luqa u/jew f'dawn il-gzejjer xjentiment laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, cioe' vettura tal-ghamla Toyota Corsa bin-numru tar-registrazzjoni GBC529 u/jew oggetti ohra, liema oggett kien mehud b'qerq, jew akkwistat b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra min Malta, jew, xjentement kull mod li jkun dahlu sabiex jbieghuh jew imexxuh.

4. Ukoll talli irrendew ruhhom ricedivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huma ga gew misjuba hatja permezz ta'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**Alfred Tonna wahdu akkuzat ukoll talli:**

5. kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL. D, datata 19 ta'Jannar 2016, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

**Khalid Tonna wahdu akkuzat ukoll talli:**

6. Kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Artiklu 7 tal-Ligijiet ta' Malta imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. D. Clarke LLD.

**2.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**3.** Rat li fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2019 il-Prosekuzzjoni irtirat il-hames u s-sitt imputazzjoni, u sussegwentement l-imputati irregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontra taghhom. Il-Qorti wissiet lill-imputati bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni taghhom u senjatament li fil-konfront tal-imputat Alfred Tonna, il-piena massima kienet dik ta' hames snin prigunerija, filwaqt li fil-konfront tal-imputat Khalid Tonna, il-piena massima kienet dik ta' erba' snin prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputati jikkonsultaw mal-avukat difensur taghhom biex jaraw jekk iridux jikkonfermaw il-pozizzjoni taghhom.

**4.** Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputati jekk kellhomx hin bizzejjed biex jikkonsultaw mal-avukat difensur taghhom u wiegbu fl-affermattiv u wiegbu wkoll li qed jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom.

**5.** Rat li fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2021, il-parte offiza John Debattista iddikjara li l-pendenzi tieghu mal-imputati kienu gew solvuti, u li sar it-trasferiment tal-vettura lilu, u li ma kienx ghad ghandu aktar interess f'dawn il-proceduri.

**6.** Rat il-*pre-sentencing report* tal-Ufficjal tal-Probation Glen Grixti tat-8 ta' Mejju 2019, kif aggornat bir-rapport tal-istess Ufficjal tal-Probation tas-6 t'Ottubru 2021, fil-konfront tal-imputat Alfred Tonna.

**7.** Rat il-*pre-sentencing report* tal-Ufficjal tal-Probation Charisse Boffa tas-6 t'Ottubru 2021 fil-konfront tal-imputat Khalid Tonna.

**8.** Semghet trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**9.** L-imputati irregistraw ammissjoni ghall-ewwel erba' imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom. Pero mill-provi migbura jirrizulta li t-tielet imputazzjoni, u cioe dik ta' ricettazzjoni, hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni ta' qerq, u ghaldaqstant, minkejja l-ammissjoni tal-imputati, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-tielet imputazzjoni.

**10.** In oltre mill-provi irrizulta li f'Gunju 2016, is-socjeta tal-assigurazzjoni kienet tikkunsidra li l-vettura misruqa kellha valur ta' €2,300.[1] Ghalhekk, minkejja l-ammissjoni tal-imputati ma jirrizultax li l-valur tal-vettura misjuqa kien jeccedi l-€2,329.37, kif gew mixlija fl-ewwel imputazzjoni. Ghaldaqstant fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, minkejja l-ammissjoni tal-imputati, il-Qorti issibhom hatja tas-serq ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-€2,329.27, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

**11.** Fuq ammissjoni taghhom stess il-Qorti issibhom hatja tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom.

**12.** Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputati ikkollaboraw mal-Pulizija u irregistraw ammissjoni bikrija, cioe fl-ewwel seduta li fiha bdew jinstemghu l-provi f'dawn il-proceduri, u ghalhekk ma hlewx il-hin tal-forzi tal-ordni u tal-Pulizija.

**13.** Dawn il-proceduri hadu fit-tul, peress li dam ma ntlahaq ftehim bejn ghal kumpens bejn l-imputati u l-parti leza, u sussegwentement dam biex jigi implimentat. Pero, fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2021, il-parti leza iddikjara li l-imputati kienu ikkumpensawh tad-danni li ikkagunawlu u li m'ghadx ghandu interess f'dawn il-proceduri.

**14.** In oltre, fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni li l-imputat Khalid Tonna kellu sebatax (17)-il sena, u cioe kien ghadu minorenni, meta ikkometta dawn ir-reati.

[1] Ara fol. 64 tal-process.

**15.** Il-fedina penali aggornata tal-imputat Alfred Tonna mhix wahda felici u ghandu hamsa u ghoxrin (25) kundanna minn dawn il-Qrati, inluz diversi kundanni ghal reati koncernanti ksur tal-ligijiet tas-sewqan, zewg kundanni li ikkaguna feriti ta' natura gravi lil terzi persuni, diversi kundanni li m'obdiex jew li hedded lill-Pulizija, reati relatati mal-ligijiet ta' impjieg, kif ukoll r-reati li holoq tracci ta' reat, u li issopprima tracci ta' reati, kif ukoll reat ta' frodi. Fl-2019 huwa nstab hati ta' serq ta' vettura, li haraqha dolozament u li wettaq dan ir-reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza. Dan huwa l-uniku kaz fejn inghata piena karcerarja effettiva globalment ta' tlieta u tletin (33) xahar, li huwa skonta f'Marzu 2020.

**16.** Mir-rapporti tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li qabel skonta din il-piena karcerarja, l-imputat Alfred Tonna kien ilu snin ma jahdem, ghall-inqas regolarment, u minn meta skonta din il-piena karcerarja, l-imputat Alfred Tonna ma jirrizultax li irritorna lejn id-dinja tax-xoghol. Huwa qal lill-Ufficjal tal-Probation li dan kien dovut minhabba l-kundizzjoni ta' sahhtu, pero innega li ghandu xi dokumenti ufficjali minn professjonisti medici li jiccertifikaw li huwa ma jistghax jahdem. Huwa informa lill-Ufficjal tal-Probation li martu qed tohrog tahdem, fil-waqt li huwa qed jaghti sehmu fil-facendi tad-dar, fit-trobbija tan-neputijiet, u f'xi qadi li jkun hemm bzonn.

**17.** Pero ma jirrizultax li l-imputat Alfred Tonna qatt kellu problema tat-tossikodipendenza jew xi vizzji ohra.

**18.** L-Ufficjal tal-Probation irrakomanda li l-imputat Alfred Tonna ghandu jinghata Ordni ta' Probation u Servizz skond l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn l-element ta' Probation u ta' xoghol ikunu fil-massimu. Il-Qorti taqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni, sabiex l-imputat Alfred Tonna jinghata opportunita ohra biex jirrintegra ruhu fis-socjeta, tenut kont li sena u nofs ilu skonta piena karcerarja pjuttost fit-tul, u ma jidhirx li nel frattemp ittiehdu passi kriminali kontrih fuq imputazzjonijiet ohra.

**19.** Minkejja l-eta zghira tieghu, il-fedina penali aggornata tal-imputat Khalid Tonna lanqas hija wahda felici. Fiha hdax (11)-il kundanna, li numru tajjeb minnhom huma dwar reati li saru meta kien ghadu minorenni, u cioe minn meta kellu hmistax (15)-il sena il-quddiem. Numru sostanzjali ta' dawn il-kundanni huma relatati ma' karozzi, fejn huwa nstab hati ta' sewqan bla licenzja, serq ta' vettura jew ta' parts ta' vettura. Huwa inghata diversi ordnijiet ta' probation u ordnijiet biex jaghmel xoghol bla hlas fil-kommunita.

**20.** Jirrizulta mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation li l-imputat Khalid Tonna m'ghandhux problema ta' tossikodipendenza, jew vizzji ohra. Jidher li hu ikkommetta dawn ir-reati ghaliex huwa iffissat fil-karozzi lussuzi u kien jaghmel minn kollox biex jakkwista xi karozza jew xi parts.

**21.** Pero mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li z-zmien li l-imputat Khalid Tonna ghamel il-habs taht arrest preventiv, halla effett kbir fuqu, peress illi ha tbezbiza sew bin-nuqqas ta' liberta li kellu u ha din l-opportunita biex jirrifletti iktar fuq ghemilu.

**22.** L-Ufficjal tal-Probation tghid hekk: *"Minn dak iz-zmien sal-prezent jidher li sar hafna progress mill-imputat, huwa beda xoghol stabbli fis-sena 2018 u baqa' jahdem fuq bazi full time sal-prezent. Huwa ghamel ukoll perjodu jattendi sessjonijiet tat-terapija ma' Dr Chantal Avellino sabiex jitghallem jerfa' iktar ir-responsabbilita t'ghemilu u jahseb iktar fil-konsegwenzi tal-agir tieghu. Khalid ukoll ilu f'relazzjoni stabbli mat-tfajla tieghu u jghid li joqghod il-boghod minn kumpanija hazina."*

**23.** Fil-prezent, l-imputat Khalid Tonna qieghed jigi segwit taht zewg ordnijiet ta' probation, wahda ghal perjodu ta' tmintax-il xahar li inghatat mill-Qorti tal-Minorenni fit-2 ta' Novembru 2020, u l-ohra ghal perjodu ta' sentejn li inghatat minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-26 ta' Jannar 2021. Huwa qieghed jikkopera u jattendi ghas-sessjonijiet tieghu gewwa d-Dipartiment tal-Probation u Parole.

**24.** L-Ufficjal tal-Probation irrakomandat li l-imputat Khalid Tonna jinghata ordni ta' servizz fil-kominita skond l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal perjodu li jidhrilha xieraq din il-Qorti. L-ghan ta' din l-ordni hija sabiex isservi bhala element ta' riparazzjoni u kumpens lis-socjeta. Ghalkemm din il-Qorti taqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni, hija tal-opinjoni, li tenut kont tal-passat turbulenti ta' dan l-imputat, ma' din l-ordni ghandu xorta jizdied ordni ta' probation ghal zmien tlett snin, sabiex jigi assigurat li l-imputat jibqa' l-boghod mit-triq tal-kriminalita.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames u s-sitt imputazzjonijiet, stante li dawn gew irtirati mill-Prosekuzzjoni fil-mori ta' dawn il-proceduri;

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni;

3. Wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(f) u (g), 263(a), 267, 270 u 271(g) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib liz-zewg imputati hatja tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra taghhom, b'dan li l-valur tal-vettura misruqa ma kienx jeccedi l-ammont ta' elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u seba' u tletin centezmu (€2,329.37);

4. Wara li rat l-Artikoli 325(1)(b), 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib liz-zewg imputati hatja tat-tieni u r-raba' imputazzjoni dedotti kontra taghhom.

5. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u a tenur ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-hati Alfred Tonna jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz fil-komunita taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum u li jobdi ordni ta' servizz fil-komunita billi jaghmel xoghol bla hlas ghal erba' mija u tmenin (480) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn annessa, li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

6. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u a tenur ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-hati Khalid Tonna jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum u li jobdi ordni ta' servizz fil-komunita billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitejn (200) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn annessa, li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Dawn l-ordnijiet qed isiru wara li din il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car u semplici l-effett ta' dawn l-ordnijiet u li jekk huma jonqsu li jikkonformaw rwiehom maghhhom jew jaghmlu xi reat iehor, huma jkun jista' jinghataw sentenza ghar-reati originali.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza u tal-ordnijiet imsemmija lid-Direttur tal-Probation u Parole.

Il-Qorti tordna li l-atti ta' din il-kawza flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza u tal-ordnijiet imsemmija jintbaghatu lill-Avukat Generali, skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**